# *Burmarrad, raħal ċkejken bi storja kbira*

**Raymond Bartolo, Kunsillier**

Kien żmien ilu ħafna meta l-Appostlu San Pawl missierna ħabat ma' sikka fil-post li llum issemma għalih, San Pawl il-Baħar. Minn hemmhekk San Pawl ġie milqugħ minn Publius, li kien Gvernatur Ruman, f'palazz f'Burmarrad li baqa' msemmi wkoll għal San Pawl, San Pawl Milqi. Din hi l-aktar ħaġa li tgħaqqad dan ir-raħal ċkejken ta' Burmarrad ma' San Pawl il-Baħar. Barra minn hekk, ħafna mill-familji ta' Burmarrad għandhom l-oriġini tagħhom mill-istess San Pawl il-Baħar.

Għalkemm huwa magħruf bħala raħal ċkejken, Burmarrad ikopri firxa ta' 2.17 mili kwadri, li hu relattivament kbir ħdejn irħula oħra, u jibda minn Għajn Riħana sad-daħla ta' Wied Qannotta u t-telgħa tal-Wardija u minn hemm għat-Triq ta' San Pawl il-Baħar sas-Sqaq tal-Qarbuni u dawra mejt mas-Salina għat-triq il-qadima tan-Naxxar.

Il-popolazzjoni tlaħħaq madwar 800 persuna. Il-Knisja ta' Burmarrad hija ddedikata lill-Qalb Bla Tebgħa ta' Marija. Din saret parroċċa fit-18 ta' Jannar ta' l-1971 meta kien kappillan Patri Wistin Magro. Qabel, in-nies ta' Burmarrad kienu jmorru fil-Knisja parrokkjali ta' San Pawl il-Baħar.

Bħala nies ta' Burmarrad minn dejjem kienu attivi f'kull qasam soċjali. Minn żmien twil ilu kienet issir l-attività tal-passjoni fil-Ġimgħa l-Kbira, t-tberik ta' l-annimali, *sports day* għat-tfal u għaż-żgħażagħ, u saħansitra ssir maratona ta' tlett ijiem organizzata miż-żgħażagħ ta' Burmarrad.

Dawn l-attivitajiet ikomplu jsaħħu l-identità ta' Burmarrad u jkomplu jgħaqqdu lill-popolin ta' Burmarrad. Ma nistgħux inħallu barra l-festa ta' Burmarrad fejn sena wara sena qiegħda tkompli tissaħħaħ fl-attivitajiet kemm spiritwali (ta' ġewwa) kif ukoll attivitajiet ta' barra bħan-nar ta' l-art u ta' l-ajru.

Burmarrad huwa wkoll ta' interess kbir għal min iħobb l-istorja ta' Malta, dan għaliex f'Burmarrad insibu bosta siti storiċi, fosthom il-Magħsar taż-żejt ta' żmien ir-Rumani f'San Pawl Milqi u t-Tempju tal-Qadi, il-katakombi tas-Salina, u l-kappelli ta' San Pawl Milqi, tal-Gerxija, ta' Santa Margerita, ta' San Mikiel u tal-Lunzjata. Hija ċara li ċ-ċokon ta' Burmarrad żgur ma jirriflettix dak li għandu x'joffri bħala storja lil artna, Malta.


**ANTOINE'S BUTCHER**

Fresh
Frozen
Foods

**St. Paul's Street, St. Paul's Bay**

***Daily Fresh***
***Chicken • Chicken Parts***

**Tel: 21 581500**

